# F'DAWL IL-QAMAR

Ir-raħal jinsab midfun fin-ngħas u fil-ħolm; imma l-qamar qiegħed jistedinni biex noħroġ.

Qisu mhux bil-lejl. Kullimkien imdawwal għalkemm id-dawl huwa mitfi ħafna. Tara kollox ma' dwarek; imma ma tafx tgħid x'inhu. Fil-bogħod tilmaħ il-qċaċet tad-djar għoljin; tara d-dell tagħhom mudlam. Tinduna bid-dell tal-għolja fil-qrib, u b'xi ħaġa fuqha tleqq: tintebaħ li hu l-blat samm u qawwi milqut mid-dija tal-qamar.

Kont ilni nimxi qatigħ, u bqajt nimxi, fil-waqt li ħsejjes, ħelwin, imrikkba fuq iż-żiffa li, kemm kemm tfewweġ, ittaffi s-sħana li donnha għadha ħierġa mill-art, jaslu f'widnejja b'żgħila kbira. Inbiħ ta' klieb fil-bogħod, grillijiet isaffru, tiġieġ iqaqu għax jaħsbuh b'inhar u sriedek jiddnu biex iwensu lil seħbithom, daqq ta' orgni tal-idejn u għana li jidwi fil-widien—dana kollu jġigħelni naħseb li l-lejl hu xi ħaġa ħajja, li titkellem u taf iżżigħel u ssabbar u thenni. Jew l-art li qiegħed fiha hi mimlija bl-Anġli jew bil-ħirsien li jiġġerrew taħt is-sħab marriħ u qalb il-ħxejjex u s-siġar u jsebbħu l-Ħolqien.

Imxejt u mxejt b'dawn il-ħsebijiet iduru f'rasi imma sa fl-aħħar il-għajja rebħitni u nxtħett bil-qegħda fuq ftit għamar li, kif stajt nara għad-dawl dgħajjef tal-qamar, kienu għamar tal-qamħ lewn id-dheb. Imteddejt fuq din is-sodda ratba u tfuħ, u, biex nistrieħ aħjar għalaqt għajnejja.. ........................... ...

... ................Insibni ġewwa ġnien l-iżjed sabiħ, imsaħħan mix-xemx li kienet qegħda titfa fuqu l-aqwa dija tagħha. Ma kienx ġnien imsawwar minn id il-bniedem; imma wieħed merħi għal kollox f'idejn in-Natura. Is-siġar tiegħu ma kenux imħawlin waħda wara l-oħra, imma waħda fuq l-oħra, imħabblin ġewwa xulxin u magħqudin flimkien. Ħxejjex ta' kull lewn u ta' kull daqs imsanġtin tajjeb maż-zkuk ta' dawn is-siġar kienu jixxabbtu magħhom il-fuq biex ifittxu x-xemx u d-dawl. Il-weraq kien qisu jilgħab maż-żiffa ħelwa u ratba; u l-ħin kollu jħaxwex waqt li l-ħoss tagħhom kien qiegħed jitħallat mal-għana tal-għasafar u mal-ħsejjes tal-ilma; u flimkien kienu joħolqu għanja ħelwa għasel.

Għax dak il-ġnien ma kienx imsoqqi bl-ilma tas-swieni, imma bl-ilma tal-widien u tax-xmajriet li kienu jiżżerżqu mill-għolja għal ġewwa fih. Dawn ix-xmajriet kellhom triq imgħawġa u mkawgħxa bħal lifgħa. Is-siġar u l-ħxejjex ta' ma'ġenbhom kienu donnhom jiddieħku u jitbissmu meta dan l-ilma kien iċarċar ħdejhom—jiddieħku u jitbissmu bil-għona ta' ħdurithom. Kull qatra ilma kienet safja ħwejjeġ tal-għaġeb: u rajt jiddi fiha d-dawl sabiħ tas-Sema u tgħaxxaqt bih.

Smajt daqq ħelu fil-bogħod: u ħsibtu daqq ġej mis-sema. Imma fhimt li kien daqq li waqt li jfarraġ u jhenni, iħalli xi ftif swied il-qalb, għax kien daqq mhux tal-bnedmin: bħal ħafna ħwejjeġ għeżież u ħelwa li huma fil-bogħod minna, ma jsabbruniex għal kollox u ħafna drabi jżidulna n-niket; bħal xewqat li ma jseħħux. Imma għalkemm mhux mingħajr xi ftit dwejjaq, dan id-daqq imlieli qalbi bi ħlewwa kbira; u bdejt nifraħ.

U ħassejtni mistrieħ ħafna fost sbuħija bħal din, u l-mistrieħ dam sigħat. Iżda sa fl-aħħar deherli li kien sarli l-ħin li nitlaq minn dan il-ġnien u narġa' l-ura lejn id-dar. Rajt li x-xemx imdawwra u tilma wisq u wisq iżjed mill-fidda kienet bdiet titbigħed u kienet waslet fix-xefaq, u qajl qajl inħbiet għal għajnejja biex tmur tgħannaq u tbus il-mewġ artab tal-baħar. Id-dawl sar bħal taż-żerniq u bdejt inħoss il-kesħa tikber; tertirt bil-bard u, ma nafx kif, bexxaqt għajnejja: u nsibni fl-għelieqi mimdud fuq ftit għamar taż-żara': il-qamar kien għoddu ntefa fix-xefaq. Kien il-ħin ta' qabel it-tbexbix: Il-ġnien u kulma rajt ġa' fih kien ħolma.

Tlaqt bil-ġiri lejn id-dar. U xtaqt jiġrili hekk kull jum.

ORAZIO VELLA.